MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2001

Avviz Numru. 871/2000/1

**Avviz Nru: 871/00**

**Frans Abela**

**Vs**

**Francis Catania**

**Il-Qorti;**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-attur talab il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' erba' mija u zewg liri Maltin u hamsin centezmu (Lm402.50c) rapprezentanti l-prezz ghall-xogholijiet ta' thaffir ta' hofor ghall-arbli ta' `flood lights' u t-tqeghid tal-istess, liema xogholijiet saru fuq inkarigu tieghu.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tad-29 ta' Mejju 2000, bl-imghaxijiet legali dekorribbli mill-ittra ufficjali u bil-konvenut ingunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi l-eccipjenti ma ghandu ebda forma ta' konnessjoni legali mal-attur u ma giex kummissjonat mill-eccipjenti biex jaghmel ix-xoghol minnu reklamat.

2. B'riserva ta' eccezzjonijiet ohra.

Rat illi l-attur naqas jidher fis-seduti tat-8 ta' Marzu 2001 kif ukoll 31 ta' Mejju 2001 biex jipproduci l-provi tieghu.

Ghaldaqstant fuq talba tal-konvenut il-Qorti qieghda tillibera lill-istess konvenut mill-osservanza tal-gudizzju a tenur tal-Artikolu 199 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra l-attur.

--------------------------------TMIEM--------------------------------